MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 497/2012

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur A B pprezentat fis-17 ta’ Settembru 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi huwa zzewweg lill-intimata C nee D fl-erbgha (4) ta' Lulju elf disa' mija tlieta u disghin (1993) kif juri c-certifikat taz-zwieg.

Illi in segwitu ghal dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom tliet ulied Tony Ray, John Ray, u Michael, li ghadhom minorenni.

Illi huma sseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella tat-tletin (30) ta' Settembru elf disa' mija disa' u disghin (1999) u minn dak iz-zmien 'l hawn il-kontendenti baqghu jghixu separatament minn xulxin.

Illi l-esponenti jiddikjara li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom dawn is-snin kollha jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

Illi l-espoent ihallas regolarment il-manteniment kif maqbul bejn il-kontendenti.

Illi huwa jixtieq jottjeni d-divorzju biex iz-zwieg imsemmi jigi mahlul.

Ghaldaqstant, l-esponentjitlobu umilment li din l-Onorabbli Qorti sabiex:

(1) Tippronunzja l-hall u x-xoljiment taz-zwieg bejn il-partijiet li gie kkontrattat fl-4 ta' Lulju 1993;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-konvenuta C B pprezentata fil-25 ta’ Ottubru 2012 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi l-partijiet ilhom separati ghal tlettax (13) il-sena u taqbel li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

2. Illi sussegwentement ghal kuntratt ta' separazzjoni tat-tletin (30) ta' Settembru tas-sena elf disa mija u disgha u disghin (1999) il-partijiet kienu iffirmaw kuntratt iehor fid-19 ta' Lulju 2006 pubblikat min Nutar Dr Ivan Barbara li jirregola l-manteniment li r-rikorrent hu dovut jhallas lil

martu u lil uliedu u dan peress li r-rikorrent kien iddijkara li kien bla xoghol;

3. Illi a termini tal-artikolu 2 tal-kuntratt tal-19 ta' Lulju 2006 ir-rikorrent kien ordnat ihallas lil esponenti martu is-somma komplessiva ta' Lm 50 liema ammont kellu jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-hajja;

4. Illi ai termini tal-artikolu 2 tal-kuntratt tad-19 ta' Lulju 2006 ir-rikorrent da mil-manteniment kellu jigi rivedut kull tlett snin liema revizjoni qatt ma saret;

5. Illi r-rikorrent qatt ma hallas ghaz-zieda tal-gholi tal-hajja kontemplata fil-kuntratt li ghadu dovut;

6. Illi l-intimata taqbel li z-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi xolt biss wara li r-rikorrent jottempra ruhu mal-obbligi tieghu tal-manteniment;

7. Illi l-esponenti qed titlob li jekk dina l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghandu japplika l-garanzija ghal manteniment kontemplata fl-artikolu 66I sub-inciz (3);

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk dina l-Onorabbli Qorti takkolji t-talba tar-rikorrent li jigi pronzjat il-hall taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti l-esponenti qed titlob li tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' D;

Semghat it-testimonjanza tal-partijiet u x-xhieda minnhom imressqa.

Semghat it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta’ Mejju 2013.

Rat li fis-seduta tas-7 ta’ Mejju 2013 il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Il-konvenuta qed topponi t-talbiet attrici ghaliex issostni li l-attur ma hux qed jghaddilha l-ammont korrett ta’ manteniment.

Jirrizulta li fit-30 ta' Settembru 1999 il-partijiet resqu fuq kuntratt ta' separazzjoni konsenswali[1] li permezz tieghu l-attur obbliga ruhu li jivversa lill-konvenuta mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar; rapprezentatni Lm50 fix-xahar il-kontribut tal-attur ghall-kera tad-dar residenzjali tal-konvenuta; Lm30 manteniment ghall-attrici u Lm120 manteniment ghaz-zewg ulied minuri Toy A u Johnny A.

Il-partijiet kienu kkontrattaw ukoll illi meta t-tfal jaghlqu sittax-il sena, il-manteniment pagabbli mill-attur lill-konvenuta jizdied minn Lm30 ghal mitt lira (Lm100) fix-xahar.

Il-manteniment pagabbli sew fl-interess tal-mara kif ukoll fl-interess tal-minuri kellu jizdied kull sena b'nofs iz-zieda li tinghata mill-Gvern bhala kumpens ghall-gholi tal-hajja. Kwalsiasi 'children's allowance' u beneficcju socjali iehor simili kellu jigi percepit mill-mara.

Fir-rikors promotur l-attur ma jirreferi ghall-ebda att iehor ta' bejn il-partijiet fir-rigward tal-manteniment.

Pero' l-konvenuta fir-risposta taghha tirreferi sew ghal sentenza ta' din il-Qorti kif ukoll ghall-kuntratt iehor ta' bejn il-partijiet.

Jirrizulta li b'sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta moghtija fit-3 ta' Novembru 2004 fl-ismijiet "C B vs A B" l-attur kien gie kkundannat ihallas lill-konvenuta is-somma addizzjonali ta' ghoxrien lira Maltin (Lm20) kull erba' gimghat ghall-minuri Michael B.

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet resqu fuq kuntratt fid-19 ta' Lulju 2006 li permezz tieghu immodifikaw it-termini tal-kuntratt tas-separazzjoni fis-sens illi minhabba li l-attur kien spicca bla xoghol u beda jircevi l-pensjoni tal-invalidita', il-manteniment globali sew ghall-konvenuta kif ukoll ghat-tlett ulied minuri gie bonarjament ridott ghal hamsin lira Maltin (Lm50) kull erba' gimghat

[1] Fol. 3

rapprezentanti Lm10 bhala manteniment ghall-konvenuta u erbghin lira Maltin (Lm40) ghat-tlett ulied minuri, Lm13.33 ghal kull wild. Tali manteniment ghandu jizdied kull snea skond l-indici tal-ghali tal-hajja filwaqt li kellu jigi imnaqqas direttament mill-pensjoni tal-attur u mhallas direttament lill-konvenuta. Fuq l-istess ftehim gie stipulat illi l-manteniment ghandu jkun rivedut kull tlett snin

Ftehmu wkoll illi l-manteniment hekk pattwit kellu jitnaqqas direttament mill-pensjoni tal-attur u mhallas direttament lill-konvenuta. Fuq l-istess ftehim gie stipulat illi l-manteniment ghandu jkun rivedut kull tlett snin jew meta r-ragel jerga' jibda jahdem skond liema avveniment isehh l-ewwel.

Ftehmu wkoll illi l-manteniment pagabbli mir-ragel lill-mara ghandu jigi awmentat ghal erbghin lira Maltin (Lm40) meta l-minuri Michael B jaghlaq tmintax-il sena.

Il-mara iddikjarat li kienet qed tircevi l-arretrati kollha dovuti sa' Lulju tas-sena 2006 u l-partijiet iddikjaraw li ma kien baqalhom l-ebda pretensjoni kontra xulxin u "ihallu lil xulxin formali u definittiva kwittanza in konnessjoni ma' l-istess".

Rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali xhed f'din il-kawza[2] illi l-attur ilu mill-11 ta' Settembru 2004 jircevi pensjoni tal-invalidita' u l-kaz tieghu ghandu jkun rivedut mill-bord mediku tad-Dipartiment qabel Settembru 2014. Ir-rapprezentant spjega li l-pensjoni tal-attur hija wahda hekk imsejha kontributorja, cioe' tithallas in forza tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta' socjali li huwa hallas matul is-snin u ghalhekk ma hiex imhallsa skond il-mezzi bhal ma hi l-assistenza socjali. Jekk il-bord mediku jibqa' perjodikament jiccertifika li l-attur ma hux tajjeb ghax-xoghol allura l-pensjoni tal-invalidita' tibqa' tithallas sakemm jaghlaq l-eta' tal-pensjoni.

[2] Fol.38 – seduta 7 ta' Marzu 2013

Ir-rapprezentant spjega wkoll illi tali pensjoni tal-invalidita' tizdied kull skond skond iz-zidied ghal gholi tal-hajja, "cost of living increases". Fil-fatt filwaqt li fis-sena 2004 l-attur kien jippercepixxi pensjoni tal-invalidita' fir-rata ta' Euros.86 fil-gimgha, din zdiedet ghal Euros.126 fil-gimgha fis-sena kurrenti 2013.

Ir-rapprezentant rega deher biex jixhed dwar jekk kienx hemm zidiet fl-ammont li jithallas direttament mid-Dipartiment lill-konvenuta_. Huwa spjega kif fis-sena 2006 il-konvenuta irceviet manteniment mill-pensjoni tal-invalidita' tal-attur is-somma ta' Euro.669.76, fis-sena 2007 Euro.1,514.24, fis-sena 2008 Euro.1,514.24, fis-sena 2009 Euro.1,514.24, fis-sena 2010 Euro.1,514.24, fis-sena 2011 Euro.1,514.24 u fis-sena 2012 Euro.1,143.68.

Jirrizulta ghalhekk illi effettivament l-ammont ta' manteniment li kien qed jithallas lill-konvenuta ma kienx qed jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja filwaqt li irrizulta wkoll li r-rata ta' pensjoni tal-invalidita' pagabbli lill-attur kienet qeghda tizdied kull skond skond iz-zidiet ghall-gholi tal-hajja.

Ikkonsidrat;

Ligi Applikabbli.

Il-provvedimenti legali regolanti l-mertu tal-kawza odjerna huma s-segwenti.

Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, d-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:
(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba'snin matul il-ħames snin

minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba’ snin mid-data tasseparazzjoni legali; u

(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

Iżda l-miżżewġin jistgħu f’kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta’ manteniment:

Iżda wkoll għall-fini ta’ dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b’sentenza ta’ separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f’kuntratt ta’ separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:

Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b’kuntratt jew b’sentenza ma jġib ebda bidla f’dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.”

Artikolu 66D tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

(1) “Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan is-Sub-Titolu, f’każ ta’ talba għad-divorzju magħmula minn waħda mill-persuni miżżewġin, ma jkunx meħtieġ illi fit-talba għad-divorzju, il-persuna miżżewġa li tkun qiegħda tagħmel din it-talba tattribwixxi lill-parti l-oħra xi ħtija li wasslet biex issir dik it-talba.

(2) Fejn il-miżżewġin ikunu diġà separati b’kuntratt jew b’sentenza tal-qorti, il-persuna miżżewġa li tkun qed tagħmel it-talba għad-divorzju tista’ tressaq biss talba għall-ħall taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista’ tikkontesta din it-talba jew billi tipprova illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(*a*) m’għaddiex, jew billi tipprova illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa’, tkun aktar diffiċili għall-istess parti l-oħra

illi tikseb il-ħlas tal-manteniment. Il-qorti m'għandhiex tilqa' t-talba għad-divorzju kemm-il darba xi waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jiġu murija li huma tajba."

Artikolu 66I (3) tal-Kap 16 jipprovdi illi:-

"Il-qorti tista', fis-sentenza illi biha tilqa' t-talba għad-divorzju u, fuq talba tal-parti illi matul is-smigħ tal-kawża ta' divorzju jkun dovut għaliha jew għall-ulied manteniment mingħand il-parti l-oħra, tordna illi l-ħlas tal-manteniment mill-parti l-oħra jiġi żgurat b'garanzija xierqa u raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi tal-partijiet. Dik il-garanzija m'għandhiex tkun f'ammont li jeċċedi l-ammont ta' manteniment għal ħames snin. Il-qorti għandha tagħti din l-ordni biss fejn, mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża, il-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija kienet inadempjenti fl-obbligu tagħha tal-ħlas tal-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi oġġettivi serji li juru l-ħtieġa ta' din il-garanzija. Talba kif kontemplata f'dan is-subartikolu tista' wkoll issir f'kull żmien wara s-sentenza msemmija meta jkun dovut il-manteniment."

Konsiderazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Fid-difiza taghha ghat-talbiet attrici, l-konvenuta tilmenta li mill-ftehim tas-sena 2006 'il quddiem l-attur naqas milli jzied ir-rata pagabbli skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-konvenuta tilmenta wkoll illi l-attur naqas milli jeffettwa revizzjoni kull tlett snin tar-rata ta' manteniment. Fir-rigward tal-ewwel ilment irrizulta illi ghalkemm ir-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xhed illi z-zidiet stabbiliti f'kuntratt ta' separazzjoni jew sentenza tal-Qorti jigu effettwati mid-Dipartiment, jirrizulta li ghal xi raguni dan ma sehhx fil-kaz odjern tant illi bejn is-sena 2007 u s-sena 2011 l-ammont imnaqqas mill-pensjoni tal-attur u mhallas direttament lill-konvenuta kien kostantement Euro1,514.24.

L-attur, qua l-persuna li tippercepixxi l-pensjoni tal-invalidita', kien fid-dover li jassigura li d-Dipartiment ihallas lill-konvenuta ir-rata ta' manteniment korretta inkluz iz-zidiet marbutin mal-indici tal-gholi tal-hajja. Mill-banda l-ohra il-konvenuta ma hadet l-ebda passi sabiex titlob iz-zidied li ghalihom kienet intitolata u ghalhekk ma jistax jinghad li l-attur intenzjonalment ma effettwax iz-zidiet.

Jidher li wara l-interventi recenti li saru mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali dan l-aspett tal-vertenza ser jigi indirizzat.

Fir-rigward tal-ilment tal-konvenuta li ma saritx revizzjoni tar-rata tal-manteniment kull tlett snin, fil-fehma tal-Qorti tali nuqqas ma jistax jigi imputat lill-attur. Skond il-kuntratt tas-sena 2006 il-partijiet ftehmu illi r-rata ta' manteniment tigi riveduta mhux biss annwalment skond l-indici tal-gholi tal-hajja izda wkoll jekk l-attur jerga' jibda jahdem jew inkella kull tlett snin. Gie stabbilit illi minn dakinhar l-attur ma regax beda jahdem. Ghalhekk kieku l-konvenuta kellha xi pretensjoni li ciononostante li l-attur ma kienx beda jahdem, kien hemm lok ghal revizzjoni tar-rata ta' manteniment indipendentement mill-indici tal-gholi tal-hajja, kien jispetta lilha li tipprocedi gudizzjarment u tadixxi l-Qorti dwar tali pretensjoni. Ir-revizzjoni kull tlett snin ma hiex awtomatika bhal dik annwali skond l-indici tal-gholi tal-hajja. Tali revizzjoni tkun tista' ssehh jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi u ghalhekk ma jistax jinghad li l-attur naqas milli jeffettwa revizzjoni kull tlett snin tenut kont illi bejn is-sena 2006 u llum huwa kien u baqa' jippercepixxi l-pensjoni tal-invalidita'.

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda nuqqas da parti tal-attur li jimmerita s-sanzjoni kontemplata fl-artikolu 66I sub-inciz 3 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-garanzija ghall-manteniment ghandha tinghata meta jkun hemm storja ta' nuqqasijiet fl-osservanza tal-obbligi ta' hlas ta' manteniment, li ma hux il-kaz prezenti. Fil-fatt l-artikolu 66I (3) tal-Kap 12 jispecifika li l-Qorti ghandha tordna garanzija xierqa u ragonevoli bis meta jirrizulta li min kellu d-dover li jhallas il-manteniment kien inadempjenti fl-obbligu tieghu "jew meta jkun hemm cirkostanzi oggettivi

serji li juru l-htiega ta’ din il-garanzija”. Fil-fehma tal-Qorti l-ebda inadempjenti ma tista’ tigi imputata lill-attur una volta huwa kien ghadda lid-Dipartiment il-kuntratti ta’ bejn il-partijiet approvati mill-Qorti fir-rigward tal-manteniment.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-eccezzjonijiet tal-konvenuta ser jigu respinti.

Fir-rigward tal-mertu jirrizulta mill-atti illi il-kondizzjonijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skonkd l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti in kwantu l-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba’ snin, m’hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u kif gie deciz aktar qabel l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fir-rigward tal-hlas tal-manteniment m’humiex gustifikati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta,

1) Tilqa’ t-talbiet tal-attur u tippronunjza l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------